MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2008

Numru. 555/2007

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 8 ta' Mejju 2008.**

**Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**

**Vs**

**Clayton Azzopardi**
**Ian Joseph Mifsud.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Clayton Azzopardi ta' 23 sena imwieled fit-30 ta' Mejju 1983 Pieta', bin gerald u Veneranda nee' Azzopardi, residenti f'4 Triq Wata, Mosta, detentur tal-karta tal-Identita' numru 261586 M;

U kontra Ian Joseph Mifsud, ta' 29 sena, imwieled fil-21 ta' Dicembru 1979, Australia, bin Joseph u Doris nee' Muscat, residenti f'38, Triq il-Barrieri, Mosta, detentur tal-karta ta' l-Identita' 489092 M;

Talli f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta' bejn it-30 ta' Gunju 2007 u l-1 ta' Lulju 2007, f'xi hin bejn l-ghaxra ta' filghaxija (22.00hrs) u t-tlieta ta' filghodu (03.00hrs), gewwa l-Mosta ikkagunaw offiza gravi li tista' ggib periklu tal-hajja fuq il-persuna ta' Colin Farrugia, skond ma' ccertifikat Dr. Alexia Schembri MD, Reg. No. 2959 tal-Isptar San Luqa.

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor.

Illi wara li din il-Qorti, semghet ix-xhieda prodotta u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

U wara li semghet l-ammissjoni taz-zewg imputati, ghalkemm fi stadju avvanzat tas-smigh tal-provi, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnhom wara li inghataw zmien skond il-ligi sabiex jikkonsidraw;

Wara li rat l-Artikoli 214, 216 u 338(m) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat;

Fuq ammissjoni tal-imputati l-Qorti ma fadlilha xejn hlief li tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u tghaddi biex tapplika l-piena idoneja lill-imputati ai termini tal-ligi.

**Ghal dawn il-motivi;**

Din il-Qorti, qieghda ssib lill-imsemmija imputati Clayton Azzopardi u Ian Joseph Mifsud, hatja ta’ l-imputazzjonijiet kif dedotti, u tikkundannahom ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin, a tenur ta’ l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza liz-zewg imputati.

**ANTHONY J VELLA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------